MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2008

Numru 875/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Keith Arnaud)**

**vs**

**WILLIAM MERCHANT**

- **OMISSIS -**
- **OMISSIS –**
- **OMISSIS -**
- **OMISSIS -**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom William Merchant ta’ 17-il sena, bin Billy u Mary Lou nee’ Briffa, imwieled l-Ingliterra nhar it-28/11/1990, joqghod gewwa

56 Silton, Triq is-Salib Imqaddes, Birkirkara, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 107996(m) u –OMISSIS- u –OMISSIS- u –OMISSIS u –OMISSIS-.

Billi gew akkuzati talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

-OMISSIS-

Lil William Merchant u –OMISSIS- wahidhom;

Talli fil-lejl tal-15 u 16 ta' Mejju 2008, minn gewwa l-Lukanda San Antonio li tinsab fi Triq it-Turisti Bugibba, flimkien ma' persuna ohra, ikkomettew serq ta' oggetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur meta l-valur tal-haga misruqa huwa inqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2,329.37), bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' Henrik Ingemar Ekman u Inger Kristina Larsson Ekman mill-Isvezja.

Lil William Merchant, -OMISSIS- u –OMISSIS- wahidhom;

Talli bejn Mejju u Settembru 2007, f'hinijiet differenti matul il-gurnata minn gewwa s-Sundown Courts li jinsabu fi Triq ir-Russet, Kappara, ikkommettew sewq ta' diversi oggetti u flus, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' diversi persuni mhux maghrufa,

Lil William Merchant wahdu;

Talli bejn Mejju u Awwissu 2008, minn gewwa l-lukanda St Georges Park li tinsab fi Triq id-Dragonara, Paceville, f'xi hin filghaxija qabel l-22:00hrs, ikkommetta serq ta' zewg mobile phones tad-ditta Samsug u Motorola, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur meta l-valur tal-haga misruqa huwa izjed minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u bil-mezz u bil-hin, u dan ghad-detriment ta' diversi persuni mhux maghrufa,

Talli bejn Mejju u Awwissu 2008, minn gewwa l-Lukanda Corinthia Marina Hotel, li tinsab fi Triq ix-Xatt ta' San Gorg, San Giljan, ikkommetta serq ta' mobile phone MP4PDA ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa,

U aktar talli nhar il-15 ta' Frar 2008, ghall-habta ta' 17:30hrs, bil-hsieb li jaghmel delitt, ura dan il-hsieb b'atti esterni u tagha bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ittanta jisraq minn appartament li jinsab fi Block A gewwa Sundown Courts, Kappar ghad-detriment ta' persuna jew persuni mhux maghrufa, liema tentattiv ta' serq, li kieku sar kien ikun aggravat bil-valur, liema valur jeccedi il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) u bil-mezz, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu,

U aktar talli f'Gunju 2008, f'xi hin matul il-gurnata, minn gewwa ix-Xatt ta' Qui-si-Sana, Tas-Sliema, kien komplici flimkien ma' –OMISSIS- u ikkommetta serq ta' mobile phone tad-ditta Samsung, ghad-detriment ta' persuna mhux maghrufa,

U aktar talli bejn Mejju 2008 u Awissu 2008, flimkien ma' persuni ohra, f'xi hin bejn is-06:00hrs u t-08:00hrs, minn gewwa l-lukanda Sunflower li tinsab fi Triq Garcia De Toledo, Bugibba, kien kapaci flimkien ma' Edward Bonello minn H'Attard u ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, meta l-haga misruqa tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok KAP1 u nnutat li l-imputat William Merchant m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat William Merchant, fl-ezami tieghu li sar fis-Seduta tallum, wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu, rega’ wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur u Dr. David Gatt ghall-imputat iddikjaraw li jaqblu li meta sehhew ir-reati, l-imputat William Merchant kien taht it-tmintax (18) il-sena.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat William Merchant ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 18, 31, 37, 41(1)(a), 261(b),(c) u (f), 284 u 285 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat William Merchant, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi il-fatt li fil-konfront tal-

imputat William Merchant japplika dak previst fl-artikolu 37 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat William Merchant ikkopera bis-shih mal-Pulizija, tillibera lill-imputat William Merchant taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat William Merchant l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------